Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 63
# It-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Alan Abela Wadge - Kunsillier <dahal 18.25>
Lino Bartolo - Kunsillier

## ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

## Sospensjoni temporanja tal-Agenda

Qabel ma bdiet il-laqgha Is-Sur Matthew Agius ppropona u gie sekondat mis-Sur Maurice Agius ghal minuta silenzju b'rispett ghal qtil tas-sinjura Daphnie Caruana Galizia.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti li xtaqet twassal ghall-attenzjoni taghhom rapport fuq fatt li sehh minn wiehed mill-haddiema assenjati mal-Kunsill u spjegat li minhabba n-natura tal-informazzjoi delikata li se twassal qed titlob biex il-kunsill japprova biex il-laqgha tibda wara li tghaddilhom din l-informazjoni.

## 63.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

63.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta’ apoloġija ta’ Dr. Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

63.1.04 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta’ apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

63.2.01 Il-minuti ta’ Seduta Nru 62 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm xi korrezzjonijiet fil minuti 62.3.08, 62.4.07 u 62.4.22

Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

63.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari AKL 83/2017 <63.3.01> -Commonewealth Local Government Conference 2017 u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li se jattendu ghalija s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

63.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Stedina <63.3.02> mill-President Marie Louise Coleiro Preca ghall-partecipazzjoni mill-Kunsill Lokali Msida ghall-attivita’ mtella mil Community Chest Fund ghall-Istrina 2017.

63.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari AKL 73/2017-<63.3.03> Pubblikazjoni tal-magazine mill- AKL u talbet biex min jixtieq jikteb fuq xi sugett dan ghandu jaghmlu sad-data msemmija.

63.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Kommunikazzjoni <63.3.04> dwar llmenti u rapporti lit-Trasport Malta dwar is-Subway tal-iSkatepark.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar xi hsarat fis-Skatepark biex naghmlu rapport.

Is-Sinjura Romina Galea qalet li hemm xi rampi jizolqu biex ssir xihaga fuqhom.

63.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Aviz <63.3.05> mibghut mis-sinjura Alison Dingli James, event co-ordinator ghall-ufficcju tal-President tar-Repubblika dwar The President's Solidarity Fun Run u pproponiet biex meta l-partecipanti jaslu fejn il-Kunsill dawk il-Kunsilliera li jixtiequ jinghaqdu maghhom ghall-mixja javzaw.

63.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talbiet mill-Kunsill lit-Trasport Malta <63.3.06> mibghuta lis-Sur Michael Cohen dwar il-Kappara Diversion meta x-xoghol ghandu jkun lest. Saret talba bil-miktub dwar il-parkegg fi Triq Rue D'Argens biex kif kien miftiehem dan jerga jsir. Hawn spjegat li dan kien mitlub mis-Michael Cohen wara l-laqgha li saret dwar il-progett fejn l-Imsida ghall xi raguni ma gietx mistiedna tippartecipa. Ta' dan is-Sur Cohen talab skuza.

63.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari AKL 83/2017 <63.3.01> -Laqgha tas-Sindki,15 u 16 ta' Dicembru 2017 fil-Grand Hotel Mgarr Ghawdex u l-Formoli ta' registrazzjoni se tkun miftuha wkoll ghall-minority leaders u Segretarji Ezekuttivi u talbet biex dawn javzaw jekk hux se jattendu.

63.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Avviz <63.3.08> mis-Sur Joe Galea, Superjur ghas Socjeta' Dutrina Msida dwar bdil fid-data ghall-purcissjoni tal-Bambin.

63.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat Avviz <63.3.09> dwar ittra Sejhet is-Sigar minghand Daniel Ciappara communications coordinator ghas-Segretarjat Parlamentari ghall- Gvern Lokali u kommunitajiet u gharfet lill-kunsilliera li bdew jiehdu l-ismijiet ta' tfal.

63.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda email mid-DLG <63.3.010> Salarju Segretarju Ezekuttiv Swatar u talbet lis-segretarju jaghti dettalji dwar dan.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li nhatar Segretarju Ezekuttiv gdid ghall-kumitat Amministrattiv tas-Swatar li huwa l-unika lokalita' maqsuma bejn zewg kunsilli. Id-dipartiment ta' struzzjonijiet biex il-Kunsill tal-Imsida se johrog is-salarju kollu ta' Skala 5 pro rata ta' 40 siegha fix-xahar. Dawn se jinqasmu bejn iz-zewgt kunsilli li se jibqghu johorgu dak li s'issa dejjem hallsu u d-differenza se tohrog mid-dipartiment. Qed isiru arrangamenti biex il-fondi kollha jigu trasferiti fil-kont bankarju tas-Swatar li jiehu hsieb il-Kunsill tal-Imsida.

63.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari DLG 30/2017 <63.3.11> dwar Avviz Legali 274 ta' 2017 dwar skemi utili ghall-kommunita'.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din hija inizjattiva tajba ghax il-Kunsill jista' igawdi minn fondi ghall-progetti mhallsa mill-privat minghajr ebda obbligu jew dritt ta' pusses. Min jaghmel tajjeb ghal dawn il-progetti jibbenifika minn rohs fit-taxxa u r-residenti jistghu igawdu mill-progett.
Is-Sur Lino Bartolo qal li din hija skema tajba ghax jekk il-Kunsill isib min jaghmel tajjeb ghall-fondi fost progetti li jistghu jsiru hemm it-tkomplija tal-binja tal-kunsill.

63.3.12 Is-Sur Maurice Agius gibed l-attenzjoni li waqt li kien qed jifli l-korrespondenza ra marka biex email mill-Greenpak <63.3.12> tigi mghoddija lilu izda sal-gurnata din ma rcievieix.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li huwa jaghti struzzjonijiet u kif hemm immarkat jidhirlu li din intbaghtet bhal bosta emails ohra li jigu mghoddija skond lill min tinteressa. Izda se jiccekja fuq din l-email biex jara x'seta gara.

63.3.13 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-Kunsilliera waslitilhomx il-korrespondenza mibghuta minn ghand haddiem ta' District Operations assenjat mal-Kunsill u x'jahsbu fuqha fl-stess hin ta kopja <63.3.13> lis-Segretarju Ezekuttiv u talbu biex jaqraha bil- kwiet u jaghti l-kumenti tieghu f'seduta ohra.

Xi Kunsilliera wiegbu li ma hadu l-ebda Korrespondenza.Waqt li s- Sur Lino Bartolo qal li huwa ircievieha izda wara li s-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'dak li gara jhoss li ma jistax jaghmel l-ebda konkluzzjoni.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li hija rrceviet korrispondenza u anke ltaqghat mieghu u dan qabel ma kienet taf bill-kaz. Hawn kompliet tghid li wara li semghet dak li kellu xi jghid hija hasset li dan kien qed jghid hafna affarijiet li mhux minnhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-Ittra malajr u wiegeb li hafna minn dak li hemm miktub ga ssemew ftit qabel u jista jaghti l-kummenti tieghu fil-pront izda se jiehu hsieb jaghmel twegiba bil-miktub halli din tkun dokumentata fil-minuti flimkien mall-kopja tal-ittra li baghtet din il-persuna u dokumenti ohra ga pprezentati qabel fuq il-mejda .

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

63.4.01 Is-Sur Matthew Agius rega tkellem dwar gheluq ta' Toroq mill- kuntratturi u dwar in-nuqasijiet ta' xi Wardens fejn ħafna mill-uffiċjali li suppost ikunu hemm biex jikkontrollaw it-traffiku, meta ikun hemm inġenji tal-kostruzzjoni fit-toroq, ma jkunux fuq l-aħjar post biex jikkontrollaw dan kif suppost. Hawn staqsa jekk ktibniex dwar dan il-fatt lill-agenzija.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li saret ittra biex tintbagħat lill-TM u l-kumpanija tal-Gwardjani Lokali li tipprovdi dan is-servizz hu se jghaddi kopja.

63.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar talba għall-laqgħa mill-GRTU dwar il-Ħatt ta' xogħol fil-Lokalita'. Infurmajnihom li lesti biex niltaqgħu fejn tlabna biex jaghtuna data halli naghmlu l-laqgha.

63.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Accumulation of vacation leave 2017/2018. Saret talba uffiċjali lid-Direttur għad- Dipartiment għall-Gvern Lokali u din ġiet approvata.

63.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-stedina għall-parteċipazzjoni Konferenza Annwali Valletta 2018 u ħadd mill-Kunsilliera wera x-xewqa biex jattendi.

63.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar stedina mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Onor. Silvio Parnis għas-suġġerimenti dwar ir-riforma fil-liġi dwar il-kunsilli lokali u sal-ġurnata ma kienx hemm suġġerimenti.

63.4.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand Alexandra Sammut għall-Keep Clear quddiem il-maħżen go triq il-Baċir fejn intbaghtet email biex tibgħat id-dokumenti li juru fejn hemm li l-PA ma tax permess, jinbidel il-bieb li jiftaħ fuq barra.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill Lokali ghadu ma hax risposta ghall-email li baghat.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ccekja fuqha u jidher li bibien ghall-bini li sar wara 1800 m'hux permess jiftah 'il barra.

63.4.07 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk wasalx id-dokument ta' tibdil ta' uzu ghall-fond.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dwar talba mis-Sur Michael Bonnici biex jagħmel rampa fuq il-bankina quddiem il-ħanut li se jerġa jsir garaxx. Is-sid intalab biex l-ewwel japplika biex jinbidel l-użu tal-fond isemmi u jipprovdi d-dokument neċessarju ta' dan lill-Kunsill Lokali. Izda sal gurnata ma kienx hemm risposta.

63.4.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk għadha ma saritx il-laqgħa biex jiġu ddentifikati liema huma il-Bollards u l-U bars approvati u biex dawn jiġu rregolarizzati .

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din ghadha ma saritx ghax kien ghadu ndispost.

63.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Inizjattiva finanzjarja, Financial Initiative Tarmac of roads which fall under LC's responsibility, harget l-approvazzjoni mill-Evaluation board biex il-kunsill jibda x-xogħol fuq Triq Nazju Falzon u dan se jibda fl-1 ta'Novembru.

63.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa minn fejn gejjin il-Fondi ghall l-inizjattiva, Insallation of Bicycle racks within our towns and villages.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li dawn gejjin mill- ministeru tal-Finanzi.

63.4.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar ix-xogħol fil-ġnien ta' Triq l-Irmiġġ, jekk ix-xoghol fil-gnien hux lest u meta se jghaddi f'idejn il-Kunsill.

Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li dan għad fadal xi xogħol żgħir fuq xi sinjali.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li l-gnien ga ghadda f'idejn il-Kunsill u li se jiġu ppreparati d-dokumenti biex ssir applikazzjoni għall-isem ta' triq u l-ġnien.

63.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-talba mill-Kunsill Lokali Msida għall-Laqgħa mal-Assistent Kummissarju Alessandra Mamo mal-Kunsilliera fuq suġġetti differenti din saret nhar it-Tlieta 17 ta' Ottubru fit-tlieta ta' wara n-nofs nhar fl-għassa ta' tas-Sliema u għaliha kienu preżenti s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u l-Kunsilliera Charles Selvaġġi, Lino Bartolo u Maurice Agius flimkien mas-Segretarju Eźekuttiv Alan Vella. Ġew diskussi skond l-Aġenda dawn il-Punti biex jiġu ċċarati numru ta' mistoqsijiet u problemi li ssib quddiemu il-Kunsill Lokali fejn tista' tidhol il-pulizija u l-aħjar mod possibbli biex ssir coordinazjoni għal dak li għandu jsir.

63.4.13 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar ittra li ntbaghtet lill-Kappillan għan-nuqqas li jiġu pprovduti siġġijiet għall-mistiedna uffiċċjali u kif jixraq skond il-protokoll u jekk kienx hemm risposta.
Is-Segretarju wiegeb li sal-gurnata ma gietx risposta.

63.4.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-kopja tar-risposta mibghuta lid-dipartiment ghall dawk li huma d-diffikultajiet li qed ixekklu lill-kunsilli lokali milli jaqdu l-funzjoni tagħhom.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li se jibghat kopja ta' din lis-Sur Agius.

63.4.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-kontijiet bankarji li kellhom jingħalqu. Beda it-trasferiment ta' ammonti minn kont għall-ieħor u l-entitajiet li kienu jagħmlulu depożitu fil-kontijiet tal-Kunsill Lokali ġew mgħarrfa bin-numru tal-kont bankarju li irridu jużaw. Fost dawn l-entitajiet hemm id-dipartiment Tal-Gvern Lokali u Reġjun Centru. Kif ikun kkonfermat li dawn it-trasferimenti ikunu qed issiru skond l-struzzjonijiet mibgħuta mill Kunsill Lokali il-kontijiet li ma hemmx bżonn jiġu maghluqa.

63.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill Kunsilliera prezenti dwar Triq Sta Venera biex terġa tiġi One Way 'l isfel li waslu t-tabelli u dawn jistgħu jitwahhlu izda għad rrid jiġi deċiż id-data min meta ħalli tintbagħat l-ittra lir-residenti.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa meta din se tigi fis-sehh.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li kien hemm min staqsa jekk jistghux jitilghu One Way jekk ikun hemm ix-xita minhabba l-wied, izda meta staqsiet lit-Trasport Malta jekk tistax ssir Except when flooding, dawn talbu biex jkunu jafu xi tfisser ezatt when flooding.
Is-Sur Matthew Agius qal biex niktbu lit-Trasport Malta forsi isibu rimedju f'kaz li dan isehh.

63.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar it-Traffic Management għal Triq San Alwiġi ghadiex temporanjament sospiza, dwar il-laqghat mat-Trasport Malta jekk dawn ikunux ghal kulhadd u dwar iz-zebra crossing ta' Triq Rue d'Argens.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li din ma kienetx laqgha ufficjali izda bhala followup biex naraw fejn waslu certu affarijiet li ilhom pendenti.

Is-Segretarju gharraf lill-kunsilliera prezenti li dwar it-Traffic Management għal Triq San Alwiġi, din kienet wieħed minn diversi suġġetti diskussi waqt laqgħa li saret ma uffiċjali tat-Trasport Malta Is-Sur Michael Cohen u Silvio Scerri flimkien ma' uffiċjali oħra waqt li għall-Kunsill Lokali Msida attendew is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ,Il-Kunsillier Emanuel Brincat u s-Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill Lokali. Fejn ġie propost mis-Sur Michael Cohen biex Traffic Management jiġi diskuss aktar 'il quddiem meta tiġi fis-sehh Unit Ġdida li l-funzjoni tagħha se tkun propju biex tgħati parir fuq dawn l-affarijiet. Il-Kunsill ġie mgħarraf li din se tkun iffurmata sa qabel 'l ahhar tas-sena. Waqt li xogħol ta' Toroq ikun diskuss mal-awtorità li se titwaqqaf apposta. Dwar il-pedestrian crossing ta' Triq Rue d'Argens kien kkonfermat li din se tibda fil-granet li gejjin.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn ssir laqgha ufficjali mat-Trasport Malta biex jigu diskussi certu problemi.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk Triq Achille ferris tistax tigi one way bhal qabel.

Is-Sur Matthew Agius qal li din ga kienet ssemiet u li din kienet art privata.
Is-Sur Lino Bartolo qal li din hija Triq li ghaddejja minn fuqha struttura privata u perikuluza u staqsa jekk nistghux niehdu xi ritratti u nitolbu lill Planning authority u Trasport Malta biex jaraw x' jista' isir.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li waqt il-laqgha staqsa u qed nistennew risposta biex naraw x'qed isir fuq it-Toroq Xatt ta' Xbiex u l-Wied ghax dawn kienu se jsiru minghajr ma jibdlu s-sistema ta' drenagg u il-kulverts u talab biex dawn isiru.

63.4.18 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-tindif tal-fanali go Triq D'Argens u jekk nistghux nikru Cerry Picker u jaghmluh il-haddiema assenjati mal-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li staqsejna lill-kuntrattur propost għal stima biex jagħmel dan ix-xogħol u għadna ma gibniex stima ohra ghax ma sibniex kuntrattur ieħor li lest li jagħmlu.Hawn kompla jispjega li ma jaqbilx li dan ix-xoghol ghandu jaghmlu xi haddiema assenjat mal-Kunsill ghax jinvolvi riskju fis-sigurta'.

63.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm zvillupi dwar l-istat tal-art mad-dawra tal-monument.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sal-gurnata ma hadna l-ebda risposta minghand il-perit tat-Trasport Malta is-Sur Rodney Micallef.

63.4.20 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill Kunsilliera prezenti dwar Loading /Unloading bay ta' ħdejn Jon David fejn ġie osservat li għal darb'oħra din mhux qed tintuża kif suppost fejn saħansitra minħabba dan il-fatt kellha tingħalaq it-triq sabiex trakk ikun jista' jgħabbi xogħol minn maħżen tat-Titan għax ma kellux fejn jieqaf biex jagħmel dan. Il-Kunsill talab lill-LESA tieħu passi fuq vettura mhux kummerċjali pparkjata fuq il-Loading/Unloading bay filwaqt li tlabna lis-Sur Domenic Vella għal Trasport Malta biex imexxu din għal post aktar 'l isfel

Is-Sur Emanuel Brincat ssuggerixxa biex immexxu aktar 'l isfel biex tintuza wkoll minn mahzen iehor u minflokha naghmlu parkegg.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li jaqbel naghmlu verifika minn hin ghall-iehor u niehdu ritratti halli ikun hemm il-provi u imbaghad nitolbu lill-wardens jiehdu hsieb u lit-Trasport Malta biex din ticclaqlaq.

63.4.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar tabelli f'zoni residenzjali biex ma jsirx storbju u jinżamm il-kwiet fejn saret ordni għal 6 minn dawn.

63.4.22 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-fanal ta' Victor Denaro fejn ma jaqbilx li dan huwa preskritt ghax dan ssema kemm-il darba fil-laqghat tal-kunsill hawn kompla jispjega li dan mhux kaz uniku ghax hemm anke fil-kaz tan-Nexos lighting meta ghamel ix-xoghol fil-monument ikkawza hsara fid-drip irrigation u bhal tal-fanal qisu ma gara xejn u dan ma jistax ikun nibqghu sejrin hekk.
Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li meta is-Sur Lino Bartolo wassallu dan l-ilment verbalment kien ga spjegalu li meta kaz bhal dan jigi diskuss fil-Kunsill biss u jintalab rimedju verbalment, dan wahdu mhux bizzejjed biex juri li l-Kunsill ha l-passi neccessarji biex jingabru d-danni kkawzati. Fl-stess hin talab lil wahda mill-impjegati biex jinġabu d-dokumenti relatati mal-każ biex ikun jista' jara x' hemm bżonn isir u jekk ssib imqar dokument wiehed ta' korrespondenza fejn jidher car li l-Kunsill talab ghad-danni hawnhekk jista jkun aktar facli biex jmexxi halli tissolva l-problema. Hawn kompla jispjega li sitwazzjonijiet bhal dawn jistghu jigu facilment solvuti meta ssir spezzjoni ta' xoghol u d-difetti jigu verifikati qabel ma jigi ccertifikat u awtorizat biex isir il-hlas. Milli jista' jifhem f'dawn iz-zewgt kazi dan ma sehhx u xorta l-hlas gie awtorizzat.

63.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-objection għall-Iżvilupp ta' binja go triq Rue D'Argens u C de Brocktorff, fejn din ser toħloq problema ta' parkeġġ u ser toħloq problemi ġol-arja tal-madwar ġie avżat il-perit biex jagħmel dan .

63.4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar rapporti ta' abbużi ta' droga ġewwa l-iMsida u Swatar kien miftiehem biex ngħaddu kull rapport lill-uffiċjal inkarigat fuq id-droga u ninformaw lill-Assistent Kummissarju dawn ir-rapporti għandhom jinkludu ftit dettalji bażiċi.

63.4.25 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar is-sitwazzjoni tas-subways hdejn l-iSkatePark u kif ir-residenti qed jiġu bblukati biex jaqsmu
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li wara li waslulna dawn l-ilmenti u bosta kommunikazzjonijiet mis-Sindku Margaret Baldachino Cefai u s-Sur Emanuel Brincat, ġie fuq il-post il-perit tat-Trasport Malta flimkien mal-kuntrattur ħalli jaraw x'għandu bżonn isir u għamlu spezzjoni shiha mas-sistema kollha biex din il-problema tiġi solvuta. Il-perit ta ordni lill-kuntrattur biex jibda jagħmel ix-xogħol neċcessarju izda ma jafx kemm dan ix-xoghol se jiehu biex ikun lest.

63.4.26 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar sparatura għall-Ħamiem. Dan tqajjem waqt il-laqgħa mal-assistent kummissarju u dan jista' isir regolari b'mod legali mingħajr ħafna kummenti minħabba li l-ħamiem qed jiġi meqjus bħala pest u kullma jrid jagħmel il-kunsill huwa li jara li javża lill-pulizija tal-inqas ħmistax bil-quddiem għal skorta.

Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar metodu iehor li kien semma is-Segretarju Ezekuttiv li ma jinvolvix sparatura.
Is-Segrettarju Ezekuttiv wiegeb li sema' u qed jipprova isib il-persuna li taqbad il-hamiem permezz ta' xbiek u dan il-hamiem jispicca go razett fejn irrabu il-Bies u tajr iehor simili biex jintuza bhala ikel ghal dan it-tajr. U biex ssir tip ta' wire ppuntat fuq il-Fanali tad-dawl biex il-hamiem ma joqghodx fuq il-Globu. Is-Sur Bartolo rririmarka li l-importanti li dan ikun hekk u mhux bhal xi hadd iehor li kien jehles mil-hamiem li jaqbad go post iehor u dan jerga jigi l-Imsida.

Izda ma jahsibx li l-globi ghandhom ikunu b'dan il-wire ghax jigu jidru koroh.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan nistghu naghmlu prova bi ftit fanali u jekk din tahdem jahseb li d-derha tal-globu tkun ahjar milli kif tkun fil-mument kollha hmieg tal-hamiem.

63.4.27 Dwar il-parkegg fi Triq Rue d 'Argens meta x-xoghol fil-Kappara ikun lest saret talab biex kif kien miftiehem dan jerga jsir bil-miktub kif mitlub lis-sur Michael Cohen u Trasport Malta fejn intbaghtet korrespondenza dwar il-laqgha li saret dwar il-progett u l-Imsida ghal xi raguni ma gietx mistiedna tippartecipa. Ta' dan is-Sur Cohen talab skuza.

63.4.28 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar periklu fejn kostruzzjoni li tinstab tiela' hdejn il-muzew tas-subien minhabba li din mhux maghluqa u accessibbli ghal kulhadd li ghalkemm issa din giet maghluqa xorta ghad mhux kif suppost.

63.4.29 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-evalwazjoni għat-Tender tal-Bandli tas-Swatar, id-decizjoni li jinghata lil Intersteel ittghellet fuq is-sistema u beda jghodd iz-zmien ta' 10 tijiem ghall-appel. Jekk ma jkunx hemm appel il-kuntratt ta' xoghol jinghata lill-Intersteel.

## 63.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

63.5.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai staqsiet lill-kunsilliera biex tittela serata tal-Milied u pproponiet biex ssir laqgha mas-Sur Noel Castillo ta' Leon productions halli naraw x'jista' joffri biex tittela din l-attivita'.
Il-Kunsilliera prezenti approvaw.

63.5.02 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li is-Sur Gorg Borg D'Anastasi dwar Mobile App, li dan zvilluppa u jidher li dan ghandu numru ta' funzjonijiet ideali ghal servizzi provduti mill- Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ta spjegazjoni qasira ta' kif dan jahdem u x'jista ikunu l-vantaggi tieghu u ssugerixxa biex is-sur Gorg Borg D'Anastasi jigi msejjah biex jaghti spjegazzjoni aktar fid-dettal u jaghti demostrazzjoni ta' dan l-App qabel is-Seduta tal-kunsill li jmiss.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw.

63.5.03 Is-Sur Maurice Agius llmenta li saret attivita' b'partecipazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u Nursery tal-football fejn xi kunsilliera ma gewx avzati biex jattendu meta din hija organizzata bil-partecipazjoni tal-Kunsill Lokali u li dan mhux sew.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li huwa attenda ghall-attivita' bhala membru izda mhux bhala kunsillier u li jaqbel mas-Sur Maurice Agius.
Is-Sur Matthew Agius qal li ghandna niktbu lill-kumitat b'mod ufficjali biex nuru li l-Kunsill ma japprovax dawn in-nuqqasijiet.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li se jikteb lill-kumitat tan-nursery.

63.5.4 Is-Sur Matthew Agius talab biex nitolbu lill-Kunsill Lokali Gzira biex isiru xi sinjali biex jigwidaw in-nies fejn Kenneth Video rentals.

63.5.5 Is-Sur Matthew Agius tkellem dwar il-laqghat tal-kumitat tas-sajjieda fejn spjega li dawn ilhom ma javzaw li se ssir laqgha u jekk qed jiltaqghu dawn mhux qed issejhulu u staqsa lis-Sindku Margaret Baldachino jekk kienetx qed tkun infurmata. Hawn kompla jispjega li huwa ihoss li dawn mhux qed jimxu sew ghax dawn suppost bhala ghaqda rapprezentattiva rikkonoxuta jridu isejhu laqgha Generali minn zmien ghall iehor.

Is-Sur Lino Bartolo wiegeb li dawn ghandhom javzaw lill-kunsilliera lokali rapprezentanti fil-kumitat kull meta ssir xi laqgha.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fil-kunsill m'hemmx kopja tal-Istatut tal-ghaqda tas-sajjieda u se jibghat ghal kopja tieghu biex jara dan x' jghid u wara se jissejjah laqgha bejn il-Kunsill u il-kumitat biex jigu diskussi xi issues li jista' ikun hemm fuq is-suggett.

63.5.6 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-hatra ta' Kappillan gdid tas-Swatar u li se ssir il-quddiesa fil-25 ta' Novembru fis-18:30 u talab biex ikun hemm rapprezentanza mill-Kunsill.

63.5.7 Is-Sur Lino Bartolo qal jekk jistax isir bin fejn l-ghassa l-antika.
Is-Sur Maurice Agius qal li ma jaqbilx ghax dan jista' isir fuq il- parapett tal-ufficcju ghar-rifuggjati ghax dan se jkun ghall-uzu taghhom.

63.5.8 Is-Sur Lino Bartolo talab biex jinghata rendikont ta' kemm nies mill- Imsida attendew ghall korsijiet ta' TCTC u qal li mhux sew li dan qed jaghmel negozju minn fuq il-Kunsill u mhux qed jaghti xi haga lura.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li hawn ma taqbilx ma Sur Lino Bartolo fejn spjegat li ghalkemm il-Kunsill ihallas ammont ta' flus biex jinghata servizz dan huwa ammont minimu meta tqis kemm jiswa l-kors kieku dan isir privat mill-individwu minflok b'xejn jew bi prezz mrahhas. Hija spjegat li anke jekk ikun hemm ftit nies l-ammonti mhallsa mill-Kunsill ma jkoprux il-prezz totali. Hawn kompliet tispjega li ghall-kors it-TCTC irid jibghat lil xi hadd biex jaghmluh, barra spejjez amministrativi ohra. Hawn kompliet tispjega li ghalkemm il-kompjuter room, it-TCTC ma jhallasx taghha, din giet armata minnu u hemm arrangament biex il-kunsill ikun jista' jikrija bl-apparat lill-kumpanija ohra li taghmel uzu minnha.

Is-Sur Maurice Agius qal li huwa ha kors u li l-apparat kemm il darba kien ma jahdimx tajjeb u kemm il-darba talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jirrapporta. Izda kien qisu bil-maghmul ghalih ghax jekk ikun hemm xi computer li mhux qed jahdem sewwa dan dejjem jinzerta li se juzah hu. Hawn spjega li mhux dejjem kien juza l-istess kompjuter izda jidher li dan kien jigi rrangat ghax min juzah il-gimgha ta' wara kien ikun tajjeb. Biss ghadu ma jistax jifhem kif wara tant xhur dan ghadu ma hax ic-certifikat tal-kors u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiccekja fuqu.

63.5.9 Is-Sur Maurice Agius pogga fuq il-mejda xi noti <63.5.09> li ha fil-laqgha plenarja u ta spjega qasira fuq punti validi li qamu waqt il-laqgha.
il-Borza Organika, Cash for bottle campaign, kamra ghall-iskart fil- permessi ta' kostruzzjoni godda, l-Administrator u ligi tal- kondominju, Dokument tables and chairs u il-Hawkers.

## 63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda il-financial indicator report ghat-tielet kwart tas-sena 1st July to 30th September 2017 u ta spjega tal-andament f'dan il-perjodu fejn jidher li l-kunsill jinsab f'posizzjoni finanzjarja ferm ahjar milli kienet fl-istess perjodu tas-sena l-ohra li kienet ta' -19% u li issa hija +10% kif stabbilit mir-regolamenti finanzjarji ghall-Kunsilli Lokali. Dan mieghu trid tiehu kunsiderazzjoni ta' ammonti li riedu jithallsu lill-Wasteserv u invoices ta' kumpaniji ohra li kienu ghadhom ma thallsux.

Is-Sur Matthew Agius ghamel ilment li dan ir-rapport ma jistax jifmhu u staqsa ilghala issa qed johrog hekk u mhux bhal qabel u kompla jispjega li ghalkemm m'ghandux dubju fil-kapacita' tas-Segretarju Ezekuttiv li qed jamministra kif suppost huwa ihoss li dan il-format ma jurix il-figuri tas-sena l-ohra biex ikun jista' jaghmel paragun u jara kif vera sejjer il-kunsill u ghaldaqstant ma jhossux komdu jaghti approvazzjoni tar-rapport.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibli li jigi pprezentat rapport b'mod iehor u qal li ghalkemm jista' ikun li rapport qed juri figuri posittivi dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm xi affarijiet li sejjrin hazin u jista' jgibu maghhom certu problemi.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li dan huwa il-format li d-dipartiment ta ordni biex ssir u ghamel template apposta.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb ir-rapport precedenti gie pprezentat b'dan il-format u ma qamx dan l-ilment. Kienet harget cirkulari fuqha u ohra fil-bidu tas-sena fejn min ried mill-kunsilliera setghu jattendu ghal sessjoni u jsaqsu fuq dan. Hawn kompla jispjega li se jara l-ahjar mod biex jghin f'din it-talba tas Sur Matthew Agius u jipprovdi l-informazzjoni mitluba biex ikun jista' jaghmel paragun like with like u se jerga jipprezenta dan fis-seduta li jmiss.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

63.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-63 <dc 63 /7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti jkopru invoices li l-Kunsill ircieva sal-gurnata ta' 23 ta' Ottubru 2017.

L-iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sur Maurice Agius.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**63.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

62.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-9:15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**Minuti konfermati, illum 28 ta' Novembru 2017**

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |